31995D0035

3.3.1995 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 48/21

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Diċembru 1994

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-qafas tal-impostazzjoni għall-importazzjonijiet fil-Komunità tat-tadam u qargħa bagħli żgħir li joriġinaw fi, u jiġu importati mill-, Marokk

(95/35/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 228(2) tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi fil-Kuntest tal-*Urugwaj Round* dwar negozjati multilaterali dwar il-kummerċ il-qafas ta' l-impostazzjoni għat-tadam u qargħa bagħli żgħir inbidel;

Billi Artikolu 25 tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni bejn bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk jipprovdi li, meta jinbidlu r-regoli eżistenti, il- Komunità tista' temenda l-qafas tal-impostazzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-prodotti in kwistjoni;

Billi l-Komunità qablet mar-Renju tal-Marokk li l-imsemmi qafas jiġi aġġustat abbażi ta' Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri;

Billi issa dan il-Ftehim għandu jiġi approvat;

Billi huwa wkoll meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il- Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-qafas għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea tat-tadam u l-qargħa bagħli żgħir li joriġinaw fi u jiġu importati mill-Marokk huwa b'dan approvat għall-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b' dan awtorizzat li jinnomina l-persuna awtorizzata li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-miżuri dettaljati sabiex jiġi implimentat dan il-Ftehim, inklużi l-miżuri ta' sorveljanza possibbli, għandhom jiġu addottati, kif xieraq, skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix [1] jew skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1981/94 tal-25 ta' Lulju 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tal-miżati Komunitarji għal xi prodotti li joriġinaw fl-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, Malta, il-Marokk it-Territorji Okkupati, it-Tuneżija u t-Turkija, u li jipprovdi għar-regoli dettaljati li jestendu u jaddattaw dawn il- kwoti tal-miżati [2].

Fejn il-implimentazzjoni tal-Ftehim jitlob kooperazzjoni mill-qrib mar-Renju tal-Marokk, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi kollha meħtieġa biex taċċerta din il-kooperazzjoni.

Magħmula fi Brussell, fid-19 ta' Diċembru 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KINKEL

(1) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2753/94 (ĠU L 292, tat-12.11.1994, p. 3).

(2) ĠU L 199, tat-2.8.1994, p. 1.